Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

IT-TMIEN DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Diċembru 1979

dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ[2]- Arranġamenti għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud lill-persuni taxxabbli li m'humiex stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż

(79/1072/KEE)

(ĠU L 331, 27.12.1979, p. 11)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Direttiva tal-Kunsill 2006/98/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	757	31.12.2008

Emendata minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►A2	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A3	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

▼B

IT-TMIEN DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Diċembru 1979

dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ[2]- Arranġamenti għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud lill-persuni taxxabbli li m'humiex stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż

(79/1072/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi fuq il-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (bażi ta' stima uniformi) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(4) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([3]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([4]),

Filwaqt li, bi qbil ma' l-Artikolu 17(4) ta' Direttiva 77/388/KEE, il-Kunsill għandu jadotta regoli tal-Komunità li jippreskrivu l-arranġamenti li jirregolaw rifużjonijiet ta' taxxa fuq il-valur miżjud, li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu msemmi, lill-persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż;

Filwaqt li hemm bżonn ta' regoli sabiex jiżguraw li persuna taxxabbli stabbilita fit-territorju ta' pajjiż membru tkun tista' titlob għal taxxa li kienet ġiet fatturata lilu f'dak li għandu x'jaqsam ma' provvisti ta' merkanziji jew servizzi fi Stat Membru ieħor jew li kienet ġiet imħallsa għal dak li għandu x'jaqsam ma' importazzjonijiet ġewwa dak l-Istat Membru l-ieħor b'hekk ikun evitat li jkollha tassazzjoni doppja;

Filwaqt li diskrepanzi bejn l-arranġamenti fis-seħħ preżentament fi Stati Membri, li f'ċerti każijiet joħolqu nuqqas fin-negozju u tagħwiġ fil-kompetizzjoni, għandhom ikunu eliminati;

Filwaqt li l-introduzzjoni ta' regoli tal-Komunità f'dan il-qasam timmarka progress lejn il-liberalizazzjoni effettiva tal-moviment ta' persuni, oġġetti, u servizzi, b'hekk tgħin sabiex il-proċess ta' integrazzjoni ekonomika jitlesta;

Filwaqt li tali regoli ma għandhomx iwasslu sabiex persuni taxxabbli jkunu trattati b'mod differenti skond l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma jkunu stabbiliti;

Filwaqt li ma għandhomx jitħallew ċerti forom ta' evażjoni ta' taxxa jew evitar mit-taxxa;

Filwaqt li, taħt l-L-Artikolu 17(4) ta' Direttiva 77/388/EEC, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw ir-rifużjoni jew jimponu kondizzjoniiet supplimentari fil-kaz ta' persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-Komunità; filwaqt li għandhom jittieħdu wkoll passi sabiex ikun żgurat li tali persuni taxxabbli ma jkunux eliġibbli għal rifużjonijiet fuq

([1]) ĠU Nru L 145, tat-13.6.1977, p.1.
([2]) ĠU Nru C 26, tat-1.2.1978, p.5.
([3]) ĠU Nru C 39, tat-12.2.1979, p.14
([4]) ĠU Nru C 269, tat-13.11.1978, p.51

▼B

termini aktar favorevoli minn dawk li għalihom hemm ipprovdut fir-rigward ta' persuni taxxabbli tal-Komunità;

Filwaqt li, fil-bidu, għandhom ikunu adottati l-arranġamenti tal-Komunità li jkunu jinsabu f'din id-Direttiva biss; filwaqt li dawn l-arranġamenti jipprovdu, b'mod partikolari, li deċiżjonijiet fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal rifużjoni għandhom ikunu nnotifikati fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkunu ddaħħlu tali applikazzjonijiet; filwaqt li rifużjonijiet għandhom isiru fl-istess perjodu; filwaqt li, għal perjodu ta' sena mid-data finali preskritta għall-implimentazzjoni ta' dawn l-arranġamenti, ir-Repubblika Taljana għandha tkun awtorizzata sabiex tinnotifika d-deċiżjonijiet meħuda mis-servizzi kompetenti tagħha fir-rigward ta' applikazzjonijiet imdaħħla minn persuni taxxabbli mhux stabbiliti ġewwa t-territorju tagħha u sabiex tagħmel ir-rifużjoni relevanti fi żmien disa' xhur, sabiex ir-Repubblika Taljana tkun tista' torganizza mill-ġdid is-sistema mħaddma fil-preżent, sabiex tkun applikata s-sistema tal-Komunità;

Filwaqt li għandhom ikunu adottati arranġamenti oħra mill-Kunsill sabiex jissuplimentaw is-sistema tal-Komunità; filwaqt li, sakemm l-arranġamenti ta' l-aħħar jidħlu fis-seħħ, Stati Membri jridu jirrifondu t-taxxa fuq is-servizzi u x-xiri ta' merkanzija li ma tkunx koperta b'din-Direttiva, bi qbil ma' l-arranġamenti li huma jaddottaw bi qbil ma' L-Artikolu 17(4) ta' Direttiva 77/388/KEE,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "persuna taxxabbli mhux stabbilita fit-territorju tal-pajjiż" għandha tfisser persuna kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4(1) ta' Direttiva 77/388/KEE li, matul il-perjodu li hemm referenza għalih fl-ewwel u t-tieni sentenzi ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 7(1), li la kellha l-post ta' l-attività ekonomika f'dak il-pajjiż, u lanqas kellha stabbiliment li minnu jkunu magħmula transazzjonijiet tan-negozju, lanqas, jekk ma jkunx jeżisti tali post jew stabbiliment fiss, id-dar tagħha jew il-post normali ta' residenza, u li, matul l-istess perjodu, ma tkunx issuplixxiet la merkanzija u lanqas servizzi meqjusa li kienu ġew ipprovduti f'dak il-pajjiż, bl-eċċezzjoni ta':

(a) servizzi ta' trasport u servizzi li jorbtu magħhom, eżentati skond l-Artikolu 14(1)(i), l-Artikolu 15 jew l-Artikolu 16(1), B, Ċ u D ta' Direttiva 77/388/KEE;

(b) servizzi pprovduti fil-każijiet fejn it-taxxa tkun imħallsa biss mill-persuna li jkunu sarulha s-servizzi, skond l-Artikolu 21(1)(b) ta' Direttiva 77/388/KEE.

Artikolu 2

Kull Stat Membru għandu jirrifondi lil kull persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilita fit-territorju ta' dak il-pajjiż iżda li tkun stabbilita fi Stati Membru ieħor, soġġetta għall-kondizzjoniiet preskritti taħt, kull taxxa fuq il-valur miżjud mitluba fir-rigward ta' servizzi jew proprjetà li tista' tiċċaqlaq ipprovduta lilha minn persuni oħra taxxabbli fit-territorju tal-pajjiż jew mitluba fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' merkanzija fil-pajjiż, sakemm tali merkanzija u servizzi jintużaw għall-għanijiet tat-transazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 17(3)(a) u (b) ta' Direttiva 77/388/KEE u tad-disposizzjoni ta' servizzi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(b).

▼B

Artikolu 3

Sabiex tikkwalifika għal rifużjoni, kull persuna taxxabbli kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2 li ma tissuplixxix la merkanzija u l-anqas servizzi maħsuba li jkunu pprovduti fit-territorju tal-pajjiż għandha:

(a) tgħaddi lill-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 9 applikazzjoni li tkun magħmula fuq l-abbozz fl-Anness A, tehmeż fatturi oriġinali jew dokumenti ta' importazzjoni. Stati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-applikanti nota spjegatorja li għandha f'kull każ ikun fiha l-informazzjoni minima preskritta fl-Anness Ċ;

(b) tipprovdi evidenza, fil-forma ta' ċertifikat maħruġ mill-awtorità uffiċjali ta' l-Istat li fih tkun stabbilita, li tkun persuna taxxabbli għall-għanijiet ta' taxxa fuq il-valur miżjud f'dak l-Istat. Iżda, fejn l-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 9 jkollha diġà evidenza fil-pussess tagħha, il-persuna taxxabbli ma għandhiex tkun marbuta li tipprovdi evidenza ġdida għal perjodu ta' sena mid-data ta' ħruġ ta' l-ewwel ċertifikat mill-awtorità uffiċjali ta' l-Istat li fih tkun stabbilita. Stati Membri ma għandhomx joħorġu ċertifikati lil kwalunkwe persuni taxxabbli li jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-taxxa bi qbil ma' l-Artikolu 24(2) ta' Direttiva 77/388/KEE;

(ċ) tiċċertifika permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li ma tkun ipprovdiet l-ebda merkanzija jew servizzi li kellhom ikunu pprovduti fit-territorju tal-pajjiż matul il-perjodu li hemm referenza għalih fl-ewwel u t-tieni sentenzi ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 7(1);

(d) twiegħed li tħallas lura kwalunkwe somma miġbura bi żball.

Artikolu 4

Sabiex tkun eliġibbli għal rifużjoni, kull persuna taxxabbli kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2 li ma tkunx ipprovdiet la merkanzija u lanqas servizzi fit-territorju tal-pajjiż li kellhom ikunu pprovduti fil-pajjiż minbarra s-servizzi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(a) u (b) għandha:

(a) tissodisfa l-ħtiġijiet preskritti fl-Artikolu 3(a), (b) u (d);

(b) tiċċertifika permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li, matul il-perjodu li hemm referenza għalih fl-ewwel u t-tieni sentenzi ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 7(1), ma tkun ipprovdiet l-ebda merkanzija jew servizzi li kellhom ikunu pprovduti fit-territorju tal-pajjiż minbarra minn servizzi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(a) u (b).

Artikolu 5

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, merkanzija u servizzi li għalihom tista' ssir rifużjoni tat-taxxa għandhom jissodisfaw il-kondizzjoniiet preskritti fl-Artikolu 17 ta' Direttiva 77/388/KEE kif applikabbli fl-Istat Membru ta' rifużjoni.

Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal provvisti ta' merkanzija li jkunu, jew li jistgħu jkunu, eżentati taħt punt 2 ta' l-Artikolu 15 ta' Direttiva 77/388/KEE.

Artikolu 6

Stati Membri jistgħu ma jimponux fuq persuni taxxabbli li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 kwalunkwe obbligu, barra minn dawk li

▼B

hemm referenza għalihom fl-Artikoli 3 u 4, barra mill-obbligu li tkun ipprovduta, f'każijiet speċifiċi, l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun stabbilit jekk l-applikazzjoni għal rifużjoni tkunx iġġustifikata.

Artikolu 7

1. L-applikazzjoni għal rifużjoni li għaliha hemm provdut fl-Artikoli 3 u 4 għandu jkollha x'taqsam max-xiri fur fatturi ta' merkanzija jew servizzi jew għal importazzjonijiet magħmula matul perjodu ta' mhux inqas minn tliet xhur jew mhux aktar minn sena kalendarja. Applikazzjonijiet jistgħu, iżda, ikollhom x'jaqsmu ma' perjodu ta' inqas minn tliet xhur fejn il-perjodu jkun jirrapreżenta l-bqija tas-sena kalendarja. Tali applikazzjonijiet jista' jkollhom x'jaqsmu wkoll ma' fatturi jew dokumenti ta' importazzjoni mhux koperti minn applikazzjonijiet ta' qabel u li jkollhom x'jaqsmu ma' transizzjonijiet magħmula matul is-sena kalendarja in kwistjoni. Applikazzjonijiet għandhom jiddaħħlu għand l-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 9 fi żmien sitt xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha t-taxxa tkun inġabret.

Jekk l-applikazzjoni tirreferi għal perjodu ta' inqas minn sena kalendarja iżda għal mhux inqas minn tliet xhur, l-ammont li għalih issir applikazzjoni ma jistax ikun inqas minn l-ekwivalenti f'munita nazzjonali ta' 200 *units of account* Ewropej; jekk l-applikazzjoni tirreferi għal perjodu ta' sena kalendarja jew għall-bqija tas-sena kalendarja, l-ammont ma jistax ikun inqas minn l-ekwivalenti f'munita nazzjonali ta' 25 *units of account* Ewropej.

2. Il-*unit of account* Ewropej użat għandu jkun dak iddefinit fir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 ([1]), kif stabbilit nhar l-1 ta' Jannar tas-sena tal-perjodu li hemm referenza għalih fl-ewwel u fit-tieni sentenzi ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' paragrafu 1. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu ċifra tonda, sa 10 %, il-figuri li jirriżultaw minn dan il-kambju f'munita nazzjonali.

3. L-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 9 għandha tittimbra kull fattura/jew dokument ta' importazzjoni sabiex ma jsirx użu minnhom għal applikazzjoni oħra u għandha tirriturnhom fi żmien xahar.

4. Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal rifużjoni għandhom ikunu mħabbra fi żmien sitt xhur mid-data meta l-applikazzjonijiet, flimkien mad-dokumenti kollha neċessarji meħtieġa taħt din id-Direttiva għal eżaminazzjoni ta' l-applikazzjoni, jiddaħħlu għand l-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 3. Rifużjonijiet għandhom isiru qabel l-aħħar tal-perjodu msemmi fuq, fuq talba mill-applikant, jew fl-Istat Membru ta' rifużjoni jew fl-Istat li fih ikun stabbilit. Fil-kaz ta' l-aħħar, it-tariffi tal-bank għat-trasferiment għandhom jitħallsu mill-applikant.

Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal rifjut ta' applikazzjoni. Appelli kontra tali rifjuti jistgħu jsiru lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru konċernat, soġġetti għall-istess kondizzjonijiet tal-forma u limiti ta' żmien ta' dawk li jirregolaw talb għal rifużjoni magħmula minn persuni taxxabbli stabbiliti fl-istess Stat.

5. Fejn ikun inkisbet rifużjoni b'mod li jkun fih il-frodi jew b'mod ieħor irregolari, l-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 3 għandha tipproċedi direttament sabiex tirkupra l-ammonti mħallsa bi żball u timponi kwalunkwe penali, bi qbil mal-proċedura applikabbli fl-Istat Membru konċernat, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-assistenza komuni fl-irkuprar tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Fil-kaz ta' applikazzjonijiet li jkun fihom il-frodi li ma jistgħux ikunu soġġetti għall-penali amministrattivi, bi qbil ma' leġislazzjoni nazzjonali,

([1]) ĠU L 356, tal-31.12.1977, p. 1.

▼B

l-Istat Membru konċernat jista' jirrifjuta għal perjodu massimu ta' sentejn mid-data li fiha tkun iddaħħlet l-applikazzjoni li jkun fiha l-frodi kwalunkwe rifużjoni oħra lill-persuna taxxabbli konċernata. Fejn tkun ġiet imposta penali amministrattiva iżda ma tkunx ġiet imħallsa, l-Istat Membru konċernat jista' jissospendi kwalunkwe rifużjoni oħra lill-persuna taxxabbli konċernata sakemm din titħallas.

Artikolu 8

Fil-kaz ta' persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-Komunità, Stati Membri jistgħu jirrifjutaw rifużjonijiet jew jimponu kondizzjonijiet speċjali.

Ma jistgħux jingħataw rifużjonijiet fuq termini aktar favorevoli minn dawk li għalihom tkun saret applikazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuni taxxabbli stabbiliti fit-territorju tal-Komunità.

Artikolu 9

Stati Membri għandhom jgħarrfu, b'mod xieraq, lill-awtorità kompetenti li għandha tiddaħħal l-applikazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3(a) u fl-Artikolu 4(a).

Iċ-ċertifikati li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3(b) u fl-Artikolu 4(a), li jistabbilixxu li l-persuna konċernata hi persuna taxxabbli, għandhom ikunu mfassla fuq l-abbozzi li jinsabu fl-Anness B.

Artikolu 10

Stati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-disposizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1981. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal applikazzjonijiet għal rifużjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' taxxa fuq il-valur miżjud miġbura fuq xiri fuq fatturi ta' merkanzija jew servizzi jew f'importazzjonijiet magħmula minn dik id-data.

Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-disposizzjonijiet prinċipali ta' liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bihom.

Artikolu 11

Permezz ta' deroga minn l-Artikolu 7(4), ir-Repubblika Taljana tista', sa l-1 ta' Jannar 1982, testendi l-perjodu li hemm referenza għalih f'dan il-paragrafu minn sitt xhur għal disa' xhur.

Artikolu 12

Tliet snin wara d-data li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, tagħti rapport lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4 u 7 tagħha.

Artikolu 13

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS A

SPECIMEN

Din hi l-ewwel applikazzjoni tiegħek?

Jekk le, jekk jogħġbok aghti n-numru ta' referenza tat-taxxa.

Timbru ta' riċeviment

Applikazzjoni
Ghal rifużjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

minn persuna taxxabbli
mhux stabbiliti fil-pajjiż

(Aqra n-noti spjegatorji qabel timla')

Awtorità kompetenti li lill-ha tkun indirizzata l-applikazzjoni ▶

1	Kunjom u ismijiet jew isem tad-ditta ta' l-applikant Triq u numru tad-dar Kodiċi postali, post u pajjiż
2	Natura tan-negozju ta' l-applikant
3	Dettalji ta' l-uffiċċju tat-taxxi u numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT fil-pajjiż li fih l-applikant ikun stabbilit jew ikollu d-dar tiegħu jew il-post normali ta' residenza
4	Perjodi li ghalih tirreferi l-applikazzjoni — minn — sa
5	Ammont totali ta' rifuzjoni mitlub (f'figuri) (ara fuq wara ghal lista ddettaljata)
6	L-applikant jitlob ir-rifużjoni ta' l-ammont muri f'5 bil-mod deskritt f'7.
7	Mod ta' hlas mitlub (*) — Kont tal-bank ☐ — Kont postali ☐ ☐ Numru tal-kont ☐ Numru ta' kodiċi tal-korp finanzjarju ☐ Kont f'isem ☐ Isem u indirizz tal-korp finanzjarju
8	Numru ta' dokumenti maghluqa: ..... Fatturi: ..... Dokumenti ta' importazzjoni:
9	L-applikant jiddikjara, bil-preżenti: (a) li l-merkanzija jew servizzi spċifikata fil-paġna ta wara nyużaw ghall-attivitajiet tiegħu bhala persuna taxxabli matul: .... (b) li fil-pajjiż fejn qed tiġi mitluba r-rifużjoni, u matul il-perjodu kopert minn din l-applikazzjoni huwa: ☐ (*) ma kien involut fl-ebda provvista ta' merkanzija jew servizzi, ☐ (*) kien involut fil-provvista ta' servizzi f'dak li ghandu x'jaqsam ma' taxi li ghandhom jithallsu biss mill-persuna li tirċeviehom, ☐ (*) kien involut fid-disposizzjoni biss ta' ċerti servizzi ta' trasport eżentati u servizzi li marbuta maghhom; (c) li d-dettalji moghtija f'din l-applikazzjoni huma eżatti. L-applikant iwieghed li jhallas lura kull ammont ta' flus miksub b'mod mhux dovut.

(*) Immarka X fil-kaxxa adattata ▶

(*) Immarka X fil-kaxxa adattata ▶

..... (Post) ..... (Data) ..... (Firma)

▼B

10 Dikjarazzjoni li taghti ammonti ta' VAT li ghandhom x'jaqsmu mal-perjodu kopert b'din l-applikazzjoni fid-dettal

Nru	Natura tal-merkanzija u servizzi	Isem, numru ta' registrazzjoni tal-VAT, jekk ikun maghruf, u ndirizz ta' min jipprovdi l-merkanzija jew servizzi	Data u numru ta' fattura jew dokument ta' importazzjoni	Ammont ta' rifuzjoni tat-taxxa li qed issir applikazzjoni ghalih	Ghal uzu ufficjali biss
				Total	

Ghal uzu ufficjali biss

▼B

ANNESS B

MUDELL

ĊERTIFIKAT TA' STATUS TA' PERSUNA TAXXABBLI

Il-firmatarju .....

(Isem u indirizz ta' awtorità kompetenti)

jiċċertifika li .....

(Kunjom u ismijiet tad-ditta)

.....

(Natura ta' attività)

.....

(Indirizz ta' l-istabbiliment)

hi persuna taxxabbli għall-għanijet ta' taxxa fuq il-valur miżjud, in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha hu (1) .....

.....

.....

(Data)

Timbru

.....

(Firma, isem u grad)

(1) Jekk l-applikant ma jkollux numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT, l-awtorità kompetenti għandha taħti r-raġunijiet għal dan.

▼B

ANNESS Ċ

***Informazzjoni minima li għandha tingħata f'noti spjegatorji*-applikazzjonijiet ta' qabel u li jkollha x'taqsam ma' transazzjonijiet magħmula matul is-sena**

A. L-applikazzjoni għandha ssir fuq formola stampata f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Din il-formola għandha, iżda, timtela fil-lingwa tal-pajjiż ta' rifużjoni.

B. L-applikazzjoni għandha timtela b'ittri kapitali u tkun imdaħħla, sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik li għaliha tkun tirreferi l-applikazzjoni, għand l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li għalih tkun magħmula l-applikazzjoni (ara D taħt).

C. In-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT fil-pajjiż ta' rifużjoni għandu jingħata, jekk ikun magħruf mill-applikant.

▶(1) D. L-applikazzjoni għandha tkun ippreżentata mill-awtoritajiet kompetenti relevanti, i.e. għall:

— il-Belġju: .....

— id-Danimarka: .....

— il-Ġermanja: .....

— Greċja: .....

— Spanja: .....

— Franza: .....

— l-Irlanda: .....

— l-Italja: .....

— il-Lussemburgu: .....

— l-Olanda: .....

— Awstrija: .....

— Portugal: .....

— Finlandja: .....

— Svezja: .....

— ir-Renju Unit: .....◀

▶(2) — Ir-Repubblika Ċeka: Finanční úřad pro Prahu 1

— L-Estonja: Maksuamet

— Ċipru: Υπουργείο Οικονομικών, Τμήμα Τελωνείων, Υπηρεσία Φ.Π.Α.

— Il-Latvja: Valsts ieņēmumu dienesta Lielo nodokļu maksātāju pārvalde

— Il-Litwanja: Vilniaus apskrities valstybinė mokesčių inspekcija

— L-Ungerija: Adó- és Pénzügyi Ellenőrzési Hivatal

— Malta: Id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-Ministeru tal-Finanzi

— Il-Polonja: Drugi Urząd Skarbowy Warszawa Śródmieście

— Is-Slovenja: Davčni urad Ljubljana

— Is-Slovakkja: Daňový úrad Bratislava I" ◀

▶(3) — Il-Bulgarija: .....

— Ir-Rumanija: .....◀

E. L-applikazzjoni għandha tirreferi għal xiri ta' merkanzija jew servizzi fuq fatturi jew għal importazzjonijiet magħmula matul perjodu ta' mhux inqas minn tliet xhur jew mhux aktar minn sena kalendarja. Iżda, tista' tirreferi għal perjodu ta' inqas minn tliet xhur fejn dan il-perjodu jkun jirrappreżenta l-bqija tas-sena kalendarja. Tali applikazzjoni tista' tirreferi wkoll għal fatturi jew dokumenti ta' importazzjoni mhux koperti minn applikazzjonijiet ta' qabel u li jkollha x'taqsam ma' transazzjonijiet magħmula matul is-sena kalendarja in kwistjoni.

F. F'9 (a), l-applikant għandu jiddeskrivi n-natura ta' l-attivitajiet li għalihom ikun kiseb il-merkanzija jew ikun irċieva s-servizzi li hemm referenza għalihom fl-applikazzjoni għal rifużjoni tat-taxxa (eż. parteċipazzjoni fil-Fiera Internazzjonali ..... li saret ġo ..... mill- ..... sa ....., stand Nru ..... jew ġarr internazzjonali ta' merkanzija mill- ..... sa ..... nħar...).

G. L-applikazzjoni għandha tiddaħħal flimkien ma' ċertifikat maħruġ mill-awtorità uffiċjali ta' l-Istat li fih ikun stabbilit l-applikant u li jagħti evidenza li hu persuna taxxabbli għall-għanijiet ta' taxxa fuq il-valur miżjud f'dak l-Istat. Iżda, fejn l-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha f'D fuq jkollha diġà tali evidenza fil-pussess tagħha, l-applikant ma għandux ikun marbut li jipprovdi evidenza ġdida għal perjodu ta' sena mid-data ta' ħruġ ta' l-ewwel ċertifikat.

H. L-applikazzjoni għandha tiddaħħal flimkien mal-fatturi u dokumenti ta' importazzjoni oriġinali li juru l-ammont ta' taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa mill-applikant.

▶(1) **A2**

▶(2) **A3**

▶(3) **M1**

▼B

►(1) I. L-applikazzjoni tista' tkun użata għal aktar minn fattura waħda jew dokument ta' importazzjoni wieħed imma l-ammont totali ta' VAT mitlub għal 19.. ma jistax ikun anqas minn:

BEF/LUF
DKK
DEM
GRD
PTE
FRF
IEP
ITL
NLG
ATS
ESP
FIM
SEK
GBP
►(2) CZK
EEK
CYP
LVL
LTL
HUF
MTL
PLN
SIT
SKK ◄
►(4) BGN
RON ◄

jekk il-perijodu li għalih jkun jirrelata jkun anqas minn sena skond il-kalendarju imma mhux aktar minn tlett xhur jew anqas minn:

BEF/LUF
DKK
DEM
GRD
PTE
FRF
IEP
ITL
NLG
ATS
ESP
FIM
SEK
GBP
►(3) CZK
EEK
CYP
LVL
LTL
HUF
MTL
PLN
SIT
SKK ◄
►(5) BGN
RON ◄

jekk il-perijodu li għalih jkun jirrelata ikun ta' sena skond il-kalendarju jew anqas minn tlett xhur'. ◄

J. Servizzi ta' trasport eżentati huma dawk imwettqa f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġarr internazzjonali ta' merkanziji, li jinkludu — suġġetti għal ċerti kondizzjoniiet — trasport assoċjat mal-qsim, esportazzjoni jew importazzjoni ta' merkanzija.

K. Kwalukwe rifużjoni miksuba b'mod mhux xieraq jista' jwassal sabiex il-persuna li tkun għamlet l-offiża teħel multi jew penali preskritti bil-liġi ta' l-Istat li jkun ta r-rifużjoni.

L. L-awtorità fil-pajjiż ta' rifużjoni iżżomm id-dritt li tagħmel rifużjonijiet permezz ta' ċekk jew money order indirizzati lill-applikant.

►(1) A2

►(2) (3) A3

►(4) (5) M1